# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **28 TA' APRIL 2019**

**Quddiesa ma' Fr Matthew Pulis fil-Parroċċa tagħna**

Għada l-Ħadd 28 ta' April 2019 fid-9:15am quddiesa ma' Fr Matthew Pulis b'ringrazzjament lil Alla għad-don tas-Saċerdozju fil-Parroċċa tagħna. Inħeġġukom sabiex nattendu.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**

Għada l-Ħadd 28 ta' April 2019 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea* sal-5:00pm.

**Festa tal-Ħniena Divina**

Għada l-Ħadd 28 ta' April 2019 niċċelebraw il-Festa tal-Ħniena Divina. Fil-Knisja ssir siegħa adorazzjoni li tibda fil-5:00pm u l-quddiesa fis-6:00pm.

**Tberik tal-Familji**

It-tberik tal-familji hija okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

**It-Tnejn 29 ta' April 2019**

Triq is-Salvja, Triq ir-Rand, Triq il-Kosbor, Triq il-Ħabaq u Triq ir-Riġnu.

**Il-Ġimgħa 3 ta' Mejju 2019**

Triq San Ġorġ u Triq iż-Żonqor.

**Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-carers tagħhom**

It-Tnejn 29 ta' April 2019 fis-6:00pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali Triq il-Kappara.

**Nofstanhar Irtir**

L-Erbgħa 1 ta' Mejju 2019 bħala Parroċċa qed norganizzaw nofstanhar irtir. Fit-8.00am nitilqu minn quddiem is-Sala Sant'Anna u fit-8:30am nibdew il-laqgħa tagħna b'quddiesa. Il-laqgħa ser titmexxa minn Fr Jimmy Bonnici u tintemm fin-12.30pm bl-ikel. Filwaqt li nħeġġu lil kulħadd sabiex tingħaqdu magħna jekk jogħġobkom iktbu isimkom fis-sagristija. Grazzi ħafna.

**San Ġużepp Ħaddiem**

It-Tlieta 1 ta' Mejju 2019 hija l-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Il-Quddies ikun bħal dak ta' fost il-ġimgħa u fil-Quddiesa tat-6:30pm isir it-tberik tal-għodda.

**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**
Il-Ġimgħa 3 ta' Mejju 2019 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:30pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla għad-don tas-Saċerdozju ta' Fr Matthew Pulis**
Il-Ħadd 5 ta' Mejju 2019 fis-6:00pm Quddiesa ta' Radd il-ħajr lil Alla għad-don tas-Saċerdozju ta' Fr Matthew Pulis fil-Bażilika ta' Sant'Elena, Birkirkara. Bħala Parroċċa ser norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fl-4:30pm.

**Formazzjoni dwar Mental Health**
It-Tlieta 7 ta' Mejju 2019 fis-6.30pm il-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa tagħna qed torganizza laqgħa ta' formazzjoni dwar fis-Sala Sant'Anna flimkien mar-Richmond Foundation dwar id-dipressjoni. Kulħadd huwa mistieden.

***Coffee Morning***
Il-Ħamis 9 ta' Mejju 2019 fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fid-9:30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

***Eurovision Pasta Night***
Is-Sibt 18 ta' Mejju 2019 mit-8:30pm 'il quddiem ser norganizzaw *Eurovision Pasta Night fis-Sala Sant'Anna.* Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mingħand il-Voluntiera tal-Parroċċa.

**Fuljett 'Flimkien'**
Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Mejju 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.